FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 24 TA' NOVEMBRU 2000

Avviz Nru 1032/98DM

Mark u Anna konjugi Micallef

vs

Teresa Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-istanti s-somma ta' Lm308.56c( jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni subiti mill-istanti in segwitu ghal incident stradali li gara Hal Lija fit-28 ta' Marzu 1998 bejn car numru AAN079 misjuqa minn Mark Micallef u car numru JAO 407 misjuqa mill-konvenuta. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u danni minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u nonosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April 1998 u dik tal-lum lill-assikuraturi tal-konvenuta ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika tal-ittra tal-20.04.98 kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Teresa Xuereb fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-attur Mark Micallef minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-atturi;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-25 ta' Marzu 1999 u tal-15 ta' Dicembru 1999 fejn il-konvenuta assistita mid-difensur taghha iddikjarat li qed tikkontesta biss ir-responsabbilta' u mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Il-partijiet jaqblu li l-kollizzjoni grat meta l-attur, li kien qed isuq fil-karreggjata tieghu ghad-dritt, sab quddiemu lill-konvenuta li kienet ghadha kif harget ghal gol-karreggjata tieghu minn fejn kienet ipparkeggjata.

Izda ghalkemm l-attur isosstni li din harget ghall-gharrieda u ma tghatux cans li jevitaha, il-konvenuta issostni li hija kienet lahqet hadet il-posizzjoni taghha fil-karreggjata tal-attur u l-attur habat maghha minhabba il-velocita' eccessiva tieghu.

Mill-provi jirrizulta li l-kollizzjoni grat fl-abitat u l-attur jammetti li l-velocita' tieghu kienet xi ftit eccessiva billi kien qed jissupera il-25 m.f.s., izda jirrizulta ukoll li ghalkemm il-konvenuta setghet kienet digia avanzat xi ftit iktar milli jippretendi l-attur fil-karreggjata tieghu, hija xorta wahda kellha l-obbligu li tiehu l-prekawzjonijiet kollha qabel ma tinvadi triq uzata minn vettura ohra. Il-konvenuta ma setghatx tghamel ebda ostakolu ghal utenti tal-karreggjata anke jekk dan kien qed isuq b'velocita' iktar minn dik konsentita.

Inoltre il-posizzjoni tal-hsarat tal-konvenut li kienu fuq il-gemb u t-trajettorja tal-brake marks li halliet il-vettura tal-attur huma lkoll indikattivi li, mal-habta, il-konvenuta kienet ghadha xi ftit angolata relattivament ghat-trajettorja normali tat-traffiku. Dan jindika li, nonostante d-deposizzjoni ta Mariella Schembri, il-konvenuta ma tantx kienet lahqet ipprocediet fil-karreggjata qabel il-habta tant li kienet ghadha ma spiccatx ghal kollox mill-manuvra ta tluq min mal-bankina.

Ghaldaqstant issib li z-zewg sewwieqa kienu risponsabbli ghall-incident, izda mhux fl-istess proporzjon u tiddikjara li din ir-risponsabilita ghandha tigi maqsuma bejn il-kontenedenti sewwieqa fil-proporzjon ta terz (1/3)ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-konvenuta.

Ghalhekk il-konvenuta hija tenuta li thallas lill-atturi zewg terzi tal-ammont ta danni mitluba u mhux ikkontestati u konsegwentement tikkundanna li thallas lill-atturi is-somma ta mitejn u hames liri (LM205) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghall terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenuta

…………………..
Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrugia
DepReg
CIV20